MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 317/2003

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
Raymond u Marika mizzewgin Scerri

**Il-Qorti**
Rat ic-citazzjoni fejn il-bank attur ippremetta :
Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti datati 18 ta' April 1990 u 9 ta' Marzu 2000 (Dok.A) fl-atti tan-Nutar Dottor John Gambin, is-socjeta attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lill-konvenuti Raymond u Marika mizzewgin Scerri;
Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti konjugi Scerri fis-somma ta' tmintax il-elf sitt mija u tnejn u erbghin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm18642.89) bilanc ghad-debitu fil-"loan accounts" tal-konvenuti mal-bank attur (Dok.B1 sa B4 u C1 sa C96) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data tal-effettiv pagament;
Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2002 li kopja taghha qed tigi hawn

esibita u markata Dok.D u dana sabix ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti;

Ghalhekk il-bank attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija tikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-bank attur is-somma ta' tmintax il-elf sitt mija u tnejn u erbghin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm18642.89) bilanc ghad-debitu fil-"loan accounts" f'isem l-istess konvenuti mal-bank attur u dana flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Settembru 2002 u tal-mandat ta' sekwestru u qbid li gew presentati kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;
Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;
Rat in-nota tal-konvenut Raymond Scerri tas-6 ta' Novembru 2003 li biha huwa ammetta i-talbiet attrici kif dedotti;
Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;
Ikkonsidrat:
Mill-kumpless tal-provi prodotti, inkluza l-ammissjoni ta' wiehed mill-konvenuti, t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jisthoqq li l-istess talbiet jigu akkolti;
Ghal dawn il-motivi:
Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tal-bank attur u b'hekk tikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-bank attur is-somma ta' tmintax il-elf sitt mija u tnejn u erbghin liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm18642.89) bilanc ghad-debitu fil-"loan accounts" f'isem l-istess konvenuti mal-bank attur u dana flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;
Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------